KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Erbgħa u Sittin (64)

## L-Erbgħa, 12 ta' Gunju , 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**Skuzata:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**Pubbliku:**

| | |
|---|---|
| Jean Paul Portelli | (Kunsillier ġdid fil-Leġislatura 9) |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**64.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm ittra waħda ta' apoloġija ta' Dr. Josianne Cutajar. Din ġiet skuzata.

**64.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-Tlieta u sittin (63) laqgħa tal-15 ta' Mejju 2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**64.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. Dawn il-Kontijiet kienu:- Lepirks u Rapa Showroom.

Is-sindku ta update tas-sitwazzjoni finanzjara. Hu innota li daħħlu 20k fuq il-Co-financing tal-Gvern fuq M4.3. Tħallsu l-ammont ta' 15,000 euro pendenti fuq id-deficit tat-toroq. Il-Kunsill irċieva ukoll cekk fuq l-Urban Greening 75% bl-ammont ta' madwar 22K li ser jiġi depositat aktar il quddiem. Inħargu ukoll l-allowances tal-Kunsilliera ta' Gunju.

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**64.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Mozzjonijiet**

***Bozza Sqaq Majza*** – Il-Kunsill approva il-kwotazzjoni sabiex isir ix-xogħol.

***Ġbir Borza Sewda Nhar ta' Sibt***- Is-Sindku innota li n-Nadur huwa l-uniku raħal li ma niġbrux il-borza s-Sewda s-Sibt fis-sajf. Kull raħal ieħor qed jigbor il-borza is-sewda biss. Kien hemm qbil li l-Kunsill tan-Nadur jibda dan is-servizz għas-sajf biss u jibda minn 6 ta'July sa 28 ta'September (naqbzu l-Imnarja). Kien hemm qbil ukoll li titqassam avviz minn l-Għaqda Diċembru 13.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Kuntratt Area Kenuna u Xaghri- Is-Sindku innota li l-Kuntrattur (Nicholas Zammit) li għandu din l-offerta mhux ilaħħaq u jixtieq jieqaf. Kien hemm qbil li għalissa isir mill-ħaddiema tal-Kunsill u tinħareġ offerta oħra.

***Inċizzjoni tat-Titular tal-Parroċċa minn Justin Falzon*** – Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jixtri wieħed minn dawn il-limited edition għal Kunsill li jiswa €100. Kien hemm qbil fuq dan.

***Airconditions tas-Sala tal-Kunsill***- Is-Sindku innota li dawn mhux jaħdmu aktar u qatt ma inbiddlu kemm ilu li fetaħ il-Kunsill. Kien hemm qbil li jinġabru l-kwotazzjonijiet biex jinxtraw.

## 64.5. Korrispondenza.

(6292) SPI10/2019- Skema Finanzjara Zvilupp ta' Librerij Lokali. **Kien hemm qbil li din l-iskema tiġi applikata u l-proġett jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill il-ġdid.**

(6293) Cirk AKL 2019/051- Inizjattiva MCCF 2019

(6294) Terms and reference for the services of Accountant and Accounting Technican

(6295) Ittra mid-DLG dwar Skema tal-gbir ta' skart riciklat

(6296) Cirk AKL 2019/052- Minuti laqgha Ezkekuttiv no. 20

(6297) E mail mid-DLG dwar increase in Mayors Honorarium

(6298) Cirk AKL 2019/053- Mental Health

(6299) Cirk 9/2019-Riforma Gvern Lokali

(6300) Cirkulari 9/2019 – Riforma Gven Lokali

(6301) Life long Learning Application submission

(6302) Cirk AKL 2019/054- OHSA Seminar- Dangerous substances at work

(6303) Invitation Public consultation meeting on single use plastic products

(6304) Cirk AKL 2019/055- Tahrig Sindki, Vici u kunsilliera

(6305) Cirk AKL 2019/056-Seminar – Fondi ghall-Inizjattiva Kulturali

(6306) Malta Intellectual Property Awards

(6307) AKL 2019/057-Health policy ghall membru godda tal-Kunsilli

(6308) Cir AKL 2019/058- gbir ta' informazzjoni fuq kunsilliera etc

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6309) Cir 32/2017-kjarifika dwar permessi mahruga

(6310) Meet and greet at MGOZ invitation

(6311) Cirk AKL 2019/059- thassib mill-AKL – Siti kostruzzjoni

(6312) Cirk AKL 2019/048- Jum dinji tad-donaturi tad-demm

(6313) Premju tal-President ghall-kreattivita

(6314) Mandat- MOU kontra rilaxxar ta' Bziezaq- **Kien hemm qbil li dan il-MOU jiġi iffirmat fuq il-bziezaq biss u mhux fuq il-karti tal-plastik.**

## 64.6 Attivitajiet u Inizjattivi;

***Charter Cisse fi Franza*** – Hawn ser imorru is-Sindku u Rebecca Bonello bhala youths, u Peter Ray Said u Annette Portelli Said bhala adults, flimkien mal-Viċi Sindku bhala parti mill-Presidium. Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li l-adults tac-Charter Estonia għad m'hemmx konferma li ser jingħataw refund. Hu issuggerixxa li jekk ma jingħatax kumpens jgħin il-Kunsill.

***Wirja Agrarja-*** Kien hemm qbil li jiġu ir-Rabbit Club għal stand li prezz jinkludi merchandise stall, kids drawing, rabbit display, rabbit petting, Maltese set-up, wooden crafts and wood painting, agricultural themed painting , vaccinations, vapur u kostumi. Il-Kunsill ser iħallas ukoll l-lodging tal-Maltin. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

Kien hemm qbil ukoll li nipprovdu lodging ukoll lil tad-Direttorat tal-Agrikoltura bhala sponsors u peress li itellgħu stand.

Is-Sindku innota li ser jingħata mug lil dawk li jaħdmu il-bizzilla live fuq jumejn bhala rikordju u ringrazzjament.

Ser jingħataw kukkardi lil dawk li itellgħu l-bhejjem. Onor. Camilleri ser ikun preżenti l-Ħadd għat-tberik.

***Ikla Tradizzjonali***- Is-Sindku innota li ġiet mistiedna Michela Pace pero għadna bla risposta. Prezz ikun madwar €600. Kien hemm qbil dejjem jekk tista tiġi.

***Wine Festival 2019***- Is-Sindku innota li kellu laqgħa oħra ma' Delicata. Stands tal-ikel jidher li se jiżdiedu. Hu kompla jgħid li fuq entertainment ma hemmx band Maltija famuża available u qed nippruvaw ikollna show minn Michela Pace.

***Summer Courses 2019*** – Ser jiġu organizzati l-Fitness, Mosaic u Bizzilla. Kien hemm qbil fuq dawn.

***Skola Primarja Nadur – Exchange ma' Baveno –*** Is-Sindku innota li tkellem mas-Sindku ta' Baveno u anke mal-Headmistress u jidhru li qablu li jsir exchange aktar tard f'Ottubru jew Novembru. Kien hemm qbil fuq dan.

**64.7 Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra;**

***Daħlet Qorrot u San Blas*** – Is-Sindku innota li Daħlet Qorrot qed isiru ħadid u toqob għal umbrelel. San Blas beda ix-xogħol minn naha tagħna biex inkissru it-triq tal-bajja, u imbagħad din ser issir mill-ġdid. Hawn saret site visit mal-Perit tal-Gvern, is-Segretarja tal-kunsill u l-kuntrattur.

***Urban Greening Project*** – Is-Sindku innota li William Sultana qed jaħdem fuq il-layout ta' din it-tender.

***Rural Roads*** – Is-Sindku innota li għadna nistennew approval tal-variations.

***Railings Kenuna*** – Is-Sindku innota li fadal biss li jiġi iffirmat il-kuntratt.

***Site Plans ta' Triq Daħlet Qorrot u Triq Wied ir-Rihan*** –Is-Sindku innota li importanti l-Perit tal-Kunsill jibda jaħdem fuq is-site plan ta' Triq Daħlet Qorrot u Triq Wied ir-Rihan biex meta terggħa tinħareg M4.3 Rural Roads dawn ikunu lesti. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li tiġi applikata ukoll it-triq li tinfed għal Għar Mixta u Irdum ta' Vnuta. Is-Sindku innota li din it-triq il-Kunsill m'għandux informazzjoni ta' min hu ezatt l-propretarju. Kien hemm qbil li din l-issue tiġi diskussa f'laqgħa tal-kunsill il-ġdid u naraw min hemm. Kien hemm qbil li jekk dawn jistgħu jiġu applikati napplikaw ukoll.

**63.9 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

Talba għal bozza fi Triq Girgor Buttigieg. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal bozza fi Triq Xandriku. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal Fanal fi Triq Wied ir-Riħan. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal yellow lines faċċata ta' l-isqaq fi Triq Wied ir-Riħan. Kien hemm qbil fuq dan.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**63.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju għal Kunsill tal-leġislatura numru Tmienja (8) fil-5:30pm u oħra għal Kunsill il-ġdid tal-Leġislatura numru disgħa (9) dakinhar ukoll fil-5:35pm. Fit-18 ta' Ġunju ser ikun hemm il-ġurament tal-Kunsilliera l-ġodda u fit-3 ta' Lulju ser ikun hemm il-ġurament tas-Sindku u l-Viċi Sindku.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |